## 1 MINUTI

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 37

IT-TLIETA 23 TA' GUNJU 2015 FIT-3.00 TA' FILGĦAXIJA

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| MATTHEW DIMECH | AGENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALB

## 1. Skeda ta' Pagamenti tal-kontijiet.

G.Muscat u T Castelletti saqsew dwar pagament numru 48. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn huma żewġ xogħlijiet distinti u kienu l-irħas mill-istejjem li inġabru. Ġa la darba dan ix-xogħol ma jaqax bħala parti mill-kuntratt tal-ELC, il-Kunsill setgħa jitlob għal kwotazzjonijiet separati.

Is-Sindku ressaq il-lista tal-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni.

Il-Kunsill approva. Il-lista ġiet iffirmata.

## 2. Connecting Through Culture

Is-Sindku qal li ġie appuntat *events manager* mill-kumpanija 'G7 Events', li għandhom esperjenza kbira f'*event management*. Is-Sindku qal li din il-persuna diġa ingħatat *hand over* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv u ser issir laqgħa ta' kowordinazzjoni mal-Ambaxxati għada stess.

Is-Sindku saqsa lil T Cachia Castelletti dwar il-kantanti Maltin għal valur ta' Eur1500 li għandna nieħdu mill-Malta Arts Council. T Cachia Castelletti ikkonferma li huma għandhom jgħatu dawn l-kantanti, u għadda kollox diġa lill-*events manager* biex issa jikkomunika magħhom hu dwar dan.

Is-Sindku qal li xorta spiċċajna bil-problemi bid-dawl u *sound*, peress li dawn mhux ser jiġu sussidjati mill-Arts Council, hekk kif kien il-ħsieb. T Cachia Castelletti qal li provdew l-istage biss, u *sound* u dawl ma setgħux ituna. T Cachia Castelleti qal li huma qatt ma qalu biċ-ċert li ha jtuna dawl, sound u palk, qalu li ser jiprovaw jgħinuna fuqhom. Filfatt provdew palk u xi mużiċisti.

Is-Sindku qal li minħabba li sound u dawl mhux ġejjin mil-Arts Council, hu qal li hemm bżonn Eur5000 oħra mill-*budget* tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel.

## 3. Waste Collection Pilot Project

Erġajna iltqajna mas-Segretarjat, fejn ġie ikkonfermat illi Ta' Xbiex ġie mgħażul bħala parti mil-*pilot project* għal ġbir ta' skart organiku. Is-Sindku spjega li min Settembru 2015 ser jibda il-*pilot project* fil-lokalita.

Huwa probabli ħafna li s-sena d-dieħla din titlaq ukoll fuq skala nazzjonali, u allura aħna nkunu qabel lokalitajiet oħra.

Is-Sindku qal li bħalissa Ta' Xbiex hu wieħed mill-aqwa lokalitajiet għal ġbir ta' skart riċiklat u b'hekk ser inkunu qed nibqaw min ta' quddiem fis-settur tal-immaniġjar tal-iskart, għax meta tiġi fuq skala nazzjonali, aħna ser inkunu preparati.
Is-Sindku qal li l-familji ser jingħataw *bin* apposta waqt il-proġett pilota.

Fil-proġett pilota għal ġbir ta' skart organiku, d-dati tal-ġbir ser jiġu:
**Recycling** – Tuesday u Thursday
**Borza Sewda** – Wednesday, Thursday, Saturday
**Borza Organiku** – Monday, Friday

Il-Kunsill iżda ser jissuġerixxi kif ġej:
**Recycling** – Tue, Thur
**Borza Sewda** – Thur, Sat
**Borza Organiku** – Mon, Wed, Fri

Il-Kunsill qabel li nitolbu laqgħa oħra mal-*board* dwar dan.

## 4. EU TWINNING PROJECT ROCCO SANTO STEFANO

Id-delegazzjoni ta' ħamsin ruħ min Ruma ġejjin f'Lulju. Is-Sindku qal li għandna Eur7500 għall-akkomodazzjoni u organizzazzjoni. Il-Kunsill ser iġib *quote* min *Bayview Hotel*.
Il-Ġemelaġġ ser jiġi iffirmat waqt is-serata *Connecting Through Culture*.

## 5. Summer Activities

Is-Sindku qal li għandu f'moħħu tlett attivitajiet għal dan is-sajf

1) Ġurnata il-Ġarra Restaurant il-Qawra. Isir *coffee morning* bit-tombla, *buffet lunch*, u parti mill-*package* hemm ukoll il-pool. Il-prezz hu ta' Eur 15 bit-transport.
2) Mawra ta' ġurnata fi Sqallija
3) Ġurnata Għawdex fil-ġimgħa ta' wara Santa Marija
4) Possibilta ta' BBQ fis-7 ta' Settembru

G Muscat issuġerixxa attivita' għat-tfal għal Settembru.

Is-Sindku hawn qal prosit lil G Muscat għal mod kif organiżża il-korsijiet riċenti. Il-laqgħat kienu suċċess. Is-Sindku qal li għamel kowordinazzjoni tajba ħafna.

## 6. Komunikazzjoni mis-Sindku

- Rapport tal-Perit dwar it-tender għal-kostruzzjoni ta' bankini u *patching* – saret diskussjoni fuq l-*adjudication report* tal-Perit.
  Il-Kunsill qabel li iġib parir mill-perit u l-avukat fuq din il-qabża kbira fir-rati bejn kuntrattur u ieħor. Il-Kunsill qabel li jsaqsi lill-avukat kif għanda issir id-deċiżjoni skond il-*procurement regulations*.

- Dwar Triq Patrick Holland, is-Sindku kien propona ftuħ tal-proġett tad-D's u l-isem tat-triq Patrick Holland f'daqqa, peress li dawn jaħbtu fiżikament ma xulxin.

  T Cachia Castelletti u G Muscat ma jaqblux għal bosta raġunijiet li ssir inawgurazzjoni tat-triq.

  T Cachia Castelletti qal li ħa jiġi dakinhar u lest iwaqqa ar-redikolu ċ-ċerimonja dak il-ħin li jisemma Patrick Holland. T Cachia Castelletti ma jħossx li għandu jgħati ġiħ lil din il-persuna.

  T Cachia Castelletti u G Muscat ma jaqblux li l-ftuħ tal-proġett tad-D's u l-isem tat-triq isiru f'daqqa.

  G Muscat propona li jsiru fuq ġranet differenti. R Portelli qabel.

  Il-Kunsill qabel li jsiru fuq ġranet differenti.

- Dwar l-istedina ta' San Patrignano tal-ECAD, is-Sindku propona li jtella xi ħadd mill-Caritas din is-sena. Sar qbil li jitilaw is-Sindku, F Roe, G Muscat, is-Segretarju Eżekuttiv u persuna mil-Caritas

- Dwar il-Panic Button, l-istima hi ta' Eur303. Il-Kunsill qabel.

- G Muscat fakkar is-*CCTV system* għall-ufficju.

- Każ għal talba ta' *parking permit* għal persuna li taħdem mal-ELMO għax marida. Il-Kunsill qal li jifhem li dan huwa każ umanitarju, imma jkun għamel preċedent, u ma nkunux konsistenzi mal-*policy* tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ngħidu lid-DLG li ħa niprovaw ngħinu mod ieħor, imma ma nistgħux ngħawġu il-policy, għax inkunu għamilna preċedent.

## 7. Rapporti mil-Kunsilliera

**G Muscat** – Dwar Tony Camilleri li għandu yaucht u huwa persuna b'diżabilta. Is-Sindku qal li għadda l-ilment tiegħu lil TM. Is-Sindku qal li diġa hemm erbgħa *parking bays* għal persuni b'diżabilta (communal). G Muscat issuġerixxa li isiru tnejn ħdejn xulxin fejn iċ-*charging station*, jitqassmu, u mhux isiru ma xulxin. KLX qabel li nsaqsu lil TM nqassmux dawn it-tnejn aħjar.

**F Roe** – Ħafna residenti qed jgħidulu fuq id-daħla ta' Triq il-Kosbor - int u ġej min Triq Prinċipessa Margerita għal Triq il-Kosbor hi perikoluża. It-talba hi biex issir *one way*, tiġi tidħol biss min Triq Prinċipessa Margerita. Il-Kunsill qabel li jissuġeruwa lil TM.

- Triq il-Kosbor, ma block D2 kellna *direction sign* (faccata ta' Triq it-Tajjar). Terġa issir id-*direction* għax tneħħiet.
- Mal-bini ġdid li hawn bejn Triq Abate Rigord għal Garden street, hemm No Parking signs tal-Kunsill Lokali Gżira.

**R Portelli** – Triq Abate Rigord int u sejjer l-isfel telqu il-linji tat-traffiku. Reminder lil TM biex jgħamlulna t*raffic management* sura, umbgħad nizbawhom (ħdejn remedies).

- Fejn block D4, il-karozzi qed jipparkjaw wiċċhom l-barra. Biex isiru tabelli tas-*silencer*.

**T Cachia Castelletti** – Fil-Marina fejn il-funtana, hemm bank tal-injam kbir telaq il-verniċ. Biex induruħ

- Fil-ġnien l-ewwel żewġ bozzoz huwa tagħna u qedin maqtugħin.

- Triq il-Prinjolata jekk niżbaw *parking bays* tista issir aktar *safe* u nnixxiftjaw *parking bays*. U nigwadanjaw *parking bays*.
- Il-funtana sema li ħa nneħħu it-turf u minfloku ser isir turf. G Muscat issuġerixxa il-kupru minflok *chlorine*. U b'hekk inħallu it-turf. L-istrittura tiġi mtarġa.

Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 6.00pm

Max Zammit
Sindku

Matthew Dimech
Aġent Segretarju Eżekuttiv